31980L1269

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 1980

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għall-qawwa tal-magna ta' vetturi bil-mutur

(80/1269/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkusnidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi bil-mutur għandhom jissoddisfaw skond ċerti liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* għall-metodu ta' kejl tal-qawwa tal-magna li għandu jintuża sabiex tiġi indikata l-qawwa tal-magna ta' tip ta' vettura;

Billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru wieħed għall-ieħor; billi dan jirriżulta f'ostakoli tekniċi għall-kummerċ li għandhom jiġu eliminati billi l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda għal jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex b'mod partikolari l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar ta' l-1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 80/1267/KEE ([5]), tkun tista' tiġi ntrodotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur intiża għall-użu fit-triq, bil;-karozzerija jew mingħajrha, li għandha mill-inqas erba' roti u veloċita' massima ddiżinjata li teċċedi l-25 km fis-siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji u ta' tratturi u makkinarju għall-agrikoltura.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' vettura, jew jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vettura, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-qawwa tal-magna tagħha jekk din tkun ġiet determinata in konformità ma' l-Annessi I u II.

Artikolu 3

Kwalunkwe emenda neċessarja għall-adattament tal-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jieħdu kont tal-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha. Għandhom minnufih jinfurmaw il-Kummissjoni b'dan.

([1]) ĠU C 104, tat-28.4.1980, p. 9.
([2]) ĠU C 265, tat-13.10.1980, p. 76.
([3]) ĠU C 182, tal-21.7.1980, p. 3.
([4]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
([5]) Ara paġna 34 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw filqasam kopert minn din id-Direttiva huma kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 1980.

Għall-Kunsill
Il-President
Colette FLESCH

L-ANNESS I

ID-DETERMINAZZJONI TAL-QAWWA TAL-MAGNA

1. L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

1.1. **Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE**

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tip ta' vettura fir-rigward tal-qawwa tal-magna hija sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

1.1.1. Għandu jkollha magħha tlett kopji tad-dokument imsemmi hawn taħt u ta' li ġej:

1.1.1.1. Il-formola ta' informazzjoni mimlija kif suppost.

1.1.1.2. Informazzjoni meħtieġa fl-Appendiċi 1 jew 2.

1.1.2. Jekk is-servizz tekniku responsabbli għat-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip iwettaq it-testijiet hu stess, vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata għandha tiġi pprovduta.

1.2. **Dokumenti**

Meta applikazzjoni fis-sens ta' 1.1, hija aċċettata, l-awtorità kompetenti għandha tipprepara d-dokument, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness II. Sabiex jitfassal dan id-dokument, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qiegħed iwettaq it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip tista' tuża r-rapport ippreparat minn laboratorju approvat jew rikonoxxut skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

2.1. Dan il-metodu japplika għal magni ta' kombustjoni interna wżati għall-propulsjoni ta' vetturi tal-kategorija M u N kif definiti fl-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE, li jappartjenu għal kwalunkwe mit-tipi li ġejjin:

2.1.1. Magni ta' kombustjoni interna bil-pistun (*positive ignition* jew diżil), eskluži magni mingħajr pistun;

2.1.2. Magni bil-pistun f'rotazzjoni.

2.2. Dan il-metodu japplika għal magni aspirati b'mod naturali jew sovvrakkarikati.

3. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva,

3.1 'qawwa netta" tfisser il-qawwa ottenuta fuq is-sodda tat-test fit-tarf tal-*crankshaft* jew l-ekwivalenti tagħha bil-veloċità tal-magna li tikkorrispondi ma' l-awżilljari elenkati fit-Tabella 1. Jekk il-kejl tal-qawwa jista' jintlaħaq b'*gearbox* immuntat biss, l-effiċjenza tal-*gearbox* għandha tiġI kkunsidrata.

3.2. 'Il-Qawwa massima netta" tfisser il-valur massimu tal-qawwa netta mkejjel bit-tagħbija sħiħa tal-magna.

3.3. 'Tagħmir *standard* ta' produzzjoni' jfisser tagħmir ipprovdut mill-manifattur għal applikazzjoni partikolari.

4. L-EŻATTEZZA TAL-KEJL TA' QAWWA TA' TAGĦBIJA SĦIĦA

4.1. *Torque*

4.1.1. Bla ħsara għal 4.1.2, il-kapaċità tad-dinamometru għandha tkun tali li l-ewwel kwart ta' l-iskala tiegħu mhux użat. Is-sistema ta' kejl għandha tkun eżatta sa ± 0.5 % tal-valur massimu ta' l-iskala (eskluż l-ewwel kwart).

4.1.2. Ir-reġjun ta' l-iskala bejn sest u kwart ta' l-iskala massima jista' madankollu jintuża jekk l-eżattezza tas-sistema f'sest ta' l-iskala hija ± 0.25 % tal-valur massimu ta' l-iskala.

4.2. **Il-Veloċità tal-magna**

Il-kejl għandu jkun eżatti sa ± 0.5 %. Il-veloċità tal-magna għandha titkejjel preferibbilment bi kontatur ta' revoluzzjoni awtomatikament sinkronizzat u bi kronometru (jew *counter-timer*).

4.3. **Il-Konsum tal-karburant**

± 1 % globalment għall-apparat użat.

4.4. Temperatura ta' dħul ta' l-arja fl-ineġnju ± 2 °C.

4.5. Pressjoni barometrika ta' ± 2 mbar.

4.6. Pressjoni fil-kanal għall-estrazzjoni ta' l-*exhaust* mis-sodda tat-test (ara nota 1 tat-Tabella 1)

4.7. Pressjoni fil-*manifold* tad-dħul: ± 0.5 mbar.

4.8. Pressjoni fil-pajp ta' l-*exhaust* tal-vettura: ± 2 mbar.

5. QAWWA NETTA TAL-MAGNA

5.1. **Testijiet**

5.1.1. *Tagħmir awżiljari*

Matul it-test, it-tagħmir awżiljari li għandu jiġi armat kif speċifikat hawn taħt għandu jiġi installat fil-magna, kemm jista' jkun fl-istess pożizzjoni bħal dak li fiha kien ikun għall-użu partikolari in kwistjoni.

5.1.1.1. Tagħmir awżiljari li għandu jiġi armat

It-tagħmir awżiljari li għandu jiġi armat tul it-test għad-determinazzjoni tal-qawwa netta tal-magna huwa elenkat fit-Tabella 1 hawn taħt.

5.1.1.2. Tagħmir awżiljari li għandu jitneħħa

Ċertu tagħmir awżiljari li huwa neċessarju biss għall-operazzjoni tal-vettura u li jista' jiġi mmuntat fuq il-magna għandu jitneħħa għat-test. Il-lista li ġejja li mhix eżawrijenti hija mogħtija bħala eżempju:

— kompressur ta' l-arja għall-brejkijiet,

— kompressur tal-*power steering*,

— kompressur tas-sospensjoni,

— sistema ta' l-arja kondizzjonata,

— tagħmir għat-tkessieħ għat-trasmissjoni idrawlika u/jew żejt tal-*gearbox*.

Meta l-aċċessorji ma jistgħux jitneħħew, il-qawwa assorbita minnhom fil-kondizzjoni mhux mgħobbija tista' tiġi determinata u miżjuda mal-qawwa mkejla tal-magna.

TABELLA 1

Tagħmir awżiljari li għandu jiġi nkluż għat-test sabiex tiġi determinata l-qawwa netta tal-magna

Nru	Tagħmir awżiljari	Jekk imwaħħal għat-test tal-qawwa netta
1	Sistema tad-dħul	
	manifold tad-dħul Filtru ta' l-arja silencer tad-dħul Sistema ta' kontroll tal-ħruġ tal-crankcase Mezz li jillimita l-veloċità	Iva, tagħmir *standard* ta' produzzjoni [1]
2	Mezz li jinduċi s-sħana	
	(jekk possibbli għandu jkun stabbilit fil-pożizzjoni l-iktar favorevoli)	Iva, tagħmir *standard* ta' produzzjoni
3	Sistema ta' l-*exhaust*	
	Purifikatur ta' l-*exhaust* manifold Pajpijiet ta' konnessjoni silencer Pajp tat-tarf Brejk ta' l-*exhaust* [2]	Iva, tagħmir *standard* ta' produzzjoni [1]
4	Pompa għall-fornitura tal-karburant [3]	Iva, tagħmir *standard* ta' produzzjoni
5	Karburatur	Iva, tagħmir *standard* ta' produzzjoni
6	Tagħmir ta' l-injezzjoni tal-karburant (petrol u diżil)	
	Prefiltru Filtru Pompa Pajp ta' pressjoni għolja Injettur Valvola għad-dħul ta' l-arja, jekk imwaħħla [4] Regolatur/sistema ta' kontroll Twaqqif awtomatiku ta' tagħbija sħiħa għall-*rack* ta' kontroll skond il-kondizzjonijiet atmosferiċi	Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard*
7	Tagħmir għat-tkessieħ tal-likwidu	
	Bonnet tal-magna Passaġġ għall-ħruġ ta' l-arja mill-bonnet	Le
	Radjatur *Cowl* tal-fann Pompa ta' l-ilma Termostat [7] Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard* [5]	Fann [6]
8	It-Tkessieħ ta' l-arja	
	Cowl *Blower* [5] [6]	Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard*
	Mezz li jirregola t-temperatura	Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard*

Nru	Tagħmir awżiljari	Jekk imwahhal għat-test tal-qawwa netta
9	Tagħmir elettriku	Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard*
10	Tagħmir ta' sovvrakarika	
	Kompressur operat jew direttament jew indirettament mill-magna, u/jew mill-gassijiet ta' l-*exhaust* Skambjatur tas-sħana ([9]) Pompa jew fann għat-tkessieħ (operat mill-magna) Mezz tal-kontroll għall-passaġġ tal-likwidu ta' tkessieħ	Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard*
11	Apparat kontra t-tniġġis	Iva, tagħmir ta' produzzjoni *standard*

([1]) Is-sistemi kompleti *standard* ta' l-*exhaust* u ta' dħul previsti għall-vettura għandhom jintużaw f'każijiet fejn jista' jkollhom effett apprezzabbli fuq il-qawwa tal-magna (magna *two-stroke*, magna b'*postive ignition*, eċċ) jew meta l-manifattur jitlob hekk. F'każijiet oħra għandha ssir verifika tul it-test biss sabiex jiġi verifikat li l-pressjoni fuq wara fil-passaġġ ta' ħruġ tal-kollettur ta' l-*exhaust* ma jvarjax b'iktar minn 10 mbar mill-pressjoni ta' wara massima speċifikata mill-manifattur u li l-pressjoni fil-*manifold* tad-dħul ma tvarjax b'iktar minn 1 mbar mil-limitu speċifikat mill-manifattur għal filtru ta' l-arja nadif. Dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jiġu kkreati bit-tagħmir tas-sodda ta' kontroll.

Meta s-sistema kompleta ta' l-*exhaust* tintuża fil-laboratorju tat-test, is-sistema ta' estrazzjoni ta' l-*exhaust* m'għandhiex, bil-magna f'operazzjoni, tohloq fil-kanna ta' l-estrazzjoni ta' l-*exhaust*, fil-punt fejn huwa mqabbad mas-sistema ta' l-*exhaust* tal-vettura, pressjoni differenti mill-pressjoni atmosferika b'iktar minn 10 mbar, sakemm il-manifattur ma jkunx aċċetta pressjoni ta' wara iktar għolja qabel it-test.

([2]) Jekk brejk ta' l-*exhaust* huwa inkorporat fil-magna, il-valvola ta' l-aċċeleratur għandha tkun imwaħħla fil-pożizzjoni kompletament miftuħa.

([3]) Il-pressjoni tal-passaġġ tal-karburant tista' tiġi aġġustata, jekk neċessarju, sabiex jiġu riprodotti pressjonijiet li jeżistu fl-applikazzjoni partikolari tal-magna (speċjalment meta sistema 'ta' ritorn tal-karburant' hija użata).

([4]) Il-valvola tad-dħul ta' l-arja hija l-valvola ta' kontroll għar-regolatur pnewmatiku tal-pompa ta' injezzjoni. It-tagħmir tar-regolatur jew ta' l-injezzjoni tal-karburant jista' jkollu fih mezzi oħrajn li jistgħu jeffettwaw l-ammont ta' karburant injettat.

([5]) Ir-radjatur, il-fann, il-*cowl* tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u t-termostat għandhom ikunu mqiegħda fl-istess posizzjonijiet relattivi bħal fuq il-vettura. Iċ-ċirkolazzjoni tal-likwidu ta' tkessieħ għandha tiġi operata mill-pompa ta' l-ilma tal-magna biss. It-tkessieħ tal-likwidu jista' jkun riprodott jew mir-radjatur tal-magna jew minn ċirkwit estern, sakemm it-telf tal-pressjoni ta' dan iċ-ċirkwit u l-pressjoni tal-pompa fil-bokka jibqgħu sostanzjalment l-istess bħal dawk tas-sistema ta' tkessieħ tal-magna. Il-bieba tar-radjatur, jekk inkorporata, għandha tkun fil-pożizzjoni miftuħa.

Meta il-fann, ir-radjatur u sistema tal-*cowl* ma jistgħux konvenjentament ikunu mwaħħla fil-magna, il-qawwa assorbita mill-fann meta mmuntat separatament fil-pożizzjoni korretta tiegħu f'relazzjoni mar-radjatur u mal-*cowl* (jekk hemm waħda), għandha tiġi determinata bil-veloċitajiet li jikkorrispondu għall-veloċitajiet tal-magna wżati għall-kejl tal-qawwa tal-magna jew permezz ta' kalkolu mill-karatteristiċi *standard* jew permezz ta' testijiet prattiċi. Din il-qawwa, korreġuta sal-kondizzjonijiet atmosferiċi *standard* definiti f'5.2.2, għandha titnaqqas mill-qawwa korreġuta.

([6]) Meta huma nkorporati fann jew *blower* skonnettibbli, it-test għandu jkun esegwiet bil-fann (jew *blower*) imqabbad.

([7]) It-termostat jista' jkun imwaħħal fil-pożizzjoni miftuħa kollha.

([8]) Il-qawwa minima tal-ġeneratur: il-qawwa tal-ġeneratur għandha tkun limitata għal dik strettament neċessarja għall-operazzjoni ta' l-aċċessorji li huma indispensabbli għall-operazzjoni tal-magna (inkluż fann li jkessaħ li jaħdem bl-elettriku). Jekk il-konnessjoni ta' batterija hija neċessarja, batterija ikkargata kollha f'kondizzjoni tajba għandha tintuża.

([9]) It-temperatura ta' l-arja fil-*manifold* ta' dħul mgħandhiex tiskorri dik rakkommandata mill-manifattur tal-magna, jekk hija speċifikata. Il-mezz ta' tkessieħ ta' l-arja kkarikata:

It-tkessieħ ta' l-arja kkarikata jista' jsir jew mill-mezz ta' tkessieħ ta' l-arja kkarikata tal-magna jew permezz ta' sistema esterna ta' tkessieħ, basta li l-pressjoni u t-temperatura ta' l-arja fil-fetha tal-mezz ta' tkessieħ ta' l-arja kkarikata huma l-istess bħal meta s-sistema oriġinali speċifikata mill-manifattur tal-magna tintuża.

5.1.1.3. Tagħmir awżiljari biex jistartjaw magni bid-diżil

Għat-tagħmir awżiljari użat fil-magni li jistartjaw bid-diżil, iż-żewġ każijiet li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati:

5.1.1.3.1. Startjar bl-elettriku: il-ġeneratur huwa mwaħħal u jissupplixxi, meta neċessarju, it-tagħmir awżiljari li huwa essenzjali għall-operazzjoni tal-magna.

5.1.1.3.2 Startjar li mhux bl-elettriku: Jekk hemm kwalunkwe aċċessorji li joperaw bl-elettriku essenzjali għall-operazzjoni tal-magna, il-ġeneratur huwa mwaħħal u jissupplixxi dawn l-aċċessorji. Inkella, jitneħħa. Fi kwalunkwe każ, is-sistema għall-produzzjoni u l-akkumulazzjoni ta' l-enerġija neċessarja għall-istartjar hija mwaħħla u topera fil-kondizzjoni mhux mgħobbija.

5.1.2 *Kondizzjoni ta' l-issettjar*

Il-kondizzjonijiet ta' l-issettjar għat-test sabiex tiġi determinata l-qawwa netta huma indikati fit-Tabella 2.

TABELLA 2

Kondizzjonijiet ta' l-issettjar

1	L-issettjar tal-karburatur(i)	Issettjat in konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' produzzjoni tal-manifattur u użat mingħajr alterazzjoni ulterjuri għall-applikazzjoni partikolari
2	L-Issettjar tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-pompa ta' injezzjoni	Issettjata in konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' produzzjoni tal-manifattur u użata mingħajr alterazzjoni ulterjuri għall-applikazzjoni partikolari
3	Tqabbid tat-*timing* ta' l-injettur	Produzzjoni-*standard*, kurva ta' *timing* speċifikata mill-manifattur u użata mingħajr alterazzjoni ulterjuri għall-applikazzjoni partikolari
4	L-issettjar tar-regolatur	Issettjat in konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' produzzjoni tal-manifattur u użat mingħajr alterazzjoni ulterjuri għall-applikazzjoni partikolari

5.1.3. *Testijiet ta' qawwa netta*

5.1.3.1. It-test ta' qawwa netta għandu jikkonsisti minn ġirja bl-aċċeleratur fil-pożizzjoni kompleta għal magni b'*positive ignition* u f'issettjar ta' pompa ta' injezzjoni b'tagħbija sħiħa, waqt li l-magna jkun mgħammar kif speċifikat fit-Tabella 1.

5.1.3.2. *Data* ta' prestazzjoni għandha tiġi ottenuta taħt kondizzjonijiet stabilizzati ta' operazzjoni, bi provvista ta' arja friska adegwata għall-magna. Il-magna għandha tkun ġiet imħaddma skond ir-rakkommandazzjonijiet tal-manifattur. Kmamar ta' kombustjoni jistgħu jikkontjenu depożiti, iżda fi kwantità limitata.

Kondizzjonijiet ta' testijiet bħat-temperatura ta' l-arja fil-bokka għandhom jintagħżlu qrib għall-kondizzjonijiet t a' referenza (ara 5.2) kemm possibbli sabiex tiġi mminimizzata l-manjitudni tal-fattur ta' korrezzjoni.

5.1.3.3. It-temperatura ta' l-arja fil-bokka lejn il-magna għandha titkejjel f'0.15 m 'l fuq mill-punt tad-dħul lejn l-apparat għat-tindif ta' l-arja, jew, jekk l-ebda apparat għat-tindif ta' l-arja ma jintuża, fi 0.15 m tal-ħorn tad-daħla ta' l-arja. It-termometru jew termokoppja għandhom jiġu protetti mis-sħana qawwija u jitqiegħdu direttament fil-passaġġ ta' l-arja. Għandhom ukoll jiġu protetti mill-*spray-back* tal-karburant. Numru biżżejjed ta' postijiet għandhom jintużaw sabiex jagħtu medja rappreżentattiva tat-temperatura fil-bokka. Il-passaġġ ta' l-arja m'għandux jiġi ostakolat mill-mezz tal-kejl.

5.1.3.4. L-ebda *data* ma għandha tittieħed sakemm it-*torque*, il-veloċità u t-temperatura ma jkunux baqgħu sostanzjalment kostanti għal mill-inqas minuta.

5.1.3.5. Il-veloċità tal-magna matul ġirja ta' kejl mgħandhiex tiddevja mill-veloċità magħżula waqt li jkun qiegħed jittieħed il-qari b'iktar minn ± 1 % or ± 10 rev/min, liema jkun l-ikbar.

5.1.3.6. Il-qari tat-tagħbija tal-brejk, tal-konsum tal-karburant u tat-temperatura ta' l-arja fil-bokka għandhom jittieħdu simultanjament; il-qari addottat għall-iskopijiet tal-kejl għandu jkun il-medja ta' żewġ valuri stabbilizzati li jvarjaw b'inqas minn 2 % għat-tagħbija tal-brejk u l-konsum tal-karburant.

5.1.3.7. Ħin ta' kejl ta' mhux inqas minn 60 sekonda għandu jintuża meta jkunu qiegħdin jitkejlu l-veloċità jew il-konsum ta' karburant b'mezz operat bl-idejn.

5.1.3.8. Karburant

5.1.3.8.1. Fil-każ ta' magni tad-diżil, il-karburant użat għandu jkun kif speċifikat fl-Anness V mad-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tal-21 ta' Awissu ta' l-1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emmissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu minn magni diesel għall-użu fil-vetturi [1], biż-żieda ta', jekk neċessarju, likwidu kummerċjali jew karburant gassuż rakkomandat mill-manifattur. Il-karburant m'għandux jikkontjeni xi addittivi li jissopprimu d-duħħan.

5.1.3.8.2. Fil-każ ta' magni b'*positive ignition*, il-karburant użat għandu jkun karburant kummerċjali, mingħajr kwalunkwe addittiv supplimentari. Il-karburant deskritt fl-Anness VI għad-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu ta' l-1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet minn magni b'*positive ignition* ta' vetturi bil-mutur [2] kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttva 78/665/KEE [3], jista' wkoll jintuża.

5.1.3.9. It-tkessieħ tal-magna

5.1.3.9.1. Magni mkessħa bil-likwidu

It-temperatura tal-likwidu li jkessaħ fil-bokka mill-ineġnju għandha tinżamm f'±5 °C mit-temperatura ta' fuq ikkontrollata termostatikament speċifikata mill-manifattur. Jekk l-ebda temperatura ma hija speċifikata mill-manifattur, it-temperatura għandha tkun ta' 80 ± 5 °C.

5.1.3.9.2. Magni mkessħa bl-arja

Għall-magni mkessħa bl-arja, it-temperatura f'punt indikat mill-manifattur għandha tinżamm bejn il-valur massimu T_M speċifikat mill-manifattur u T_M - 20 °C.

5.1.3.10. It-temperatura tal-karburant fil-bokka tal-pompa ta' l-injezzjoni jew kurburatur għandha tkun miżmuma fil-limiti stabbiliti mill-manifattur.

5.1.3.11. It-temperatura taż-żejt lubrifikanti mkejjla fis-*sump* taż-żejt jew mill-ħruġ mill-*cooler* taż-żejt, jekk imwaħħal, għandha tkun fil-limiti stabbiliti mill-manifattur.

5.1.3.12. It-temperatura tal-gass ta' l-*exhaust* għandha titkejjel f'punt fil-pajp(ijiet) ta' l-*exhaust* li jmiss mal-flanġa(i) ta' barra tal-*manifold*(i) ta' l-*exhaust*. M'għandhiex teċċedi l-valur speċifikat mill-manifattur.

5.1.3.13. Sistema awżiljari ta' tkessieħ

Sistema awżiljari ta' tkessieħ tista' tintuża jekk neċessarju sabiex it-temperaturi jinżammu fil-limiti speċifikati f'5.1.3.9. sa 5.1.3.12.

---

[1] ĠU L 190, ta' l-20.8.1972, p. 1.
[2] ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1.
[3] ĠU L 223, ta' l-14.8.1978, p. 48.

5.1.4. *Il-Proċedura ta' test*

Ħu l-qisien ta' numru biżżejjed ta' veloċitajiet tal-magna sabiex tiġi definita l-kurva tal-qawwa bit-tagħbija kompleta bejn l-inqas u l-ogħla veloċitajiet tal-magna kif mistqarr mill-manifattur. Din il-firxa ta' veloċitajiet għandha tinkludu l-veloċità ta' rivoluzzjoni li biha l-magna jipproduċi l-qawwa massima tagħha. Għal kull veloċità, il-medja taż-żewġ qisien stabbilizzati hija meħuda.

5.1.5. *Il-Kejl ta' l-indiċi tad-duħħan*

Fil-każ ta' magni bid-diżil, il-gassijiet ta' l-*exhaust* għandhom jiġu eżaminati tul it-test għall-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VI għad-Direttiva 72/306/KEE.

5.2. **Fatturi ta' korrezzjoni**

5.2.1. *Definizzjoni*

Il-fattur ta' korrezzjoni huwa l-koeffiċjent K li permezz tiegħu il-qawwa osservata għandha tiġi mmultipplikata sabiex tiġi determinata l-qawwa tal-magna taħt il-kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza speċifikati f'5.2.2.

5.2.2. *Kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza*

5.2.2.1. Temperatura: 25 °C.

5.2.2.2. Pressjoni niexfa (ps): 900 mbar.

5.2.3. *Kondizzjonijiet li għandu jkun hemm konformità magħhom fil-laboratorju*

Sabiex test ikun validu, il-fattur ta' korrezzjoni K għandu jkun tali li $0.96 \leq K \leq 1.06$

5.2.4. *Determinazzjoni tal-fatturi ta' korrezzjoni*

5.2.4.1. Magni b'*postive ignition* (karburatur jew injezzjoni) - fattur K_a.

Il-fattur ta' korrezzjoni huwa ottenut billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$K_a = \left(\frac{990}{ps}\right) \cdot \left(\frac{T}{298}\right)^{0.5},$$

fejn

T = it-temperatura assoluta f'K fid-dħul ta' l-arja għall-magna;

ps = il-pressjoni atmosferika niexfa f'mbar, fi kliem ieħor il-pressjoni barometrika totali inqas il-pressjoni tal-fwar ta' l-ilma.

5.2.4.2. Magni tad-diżil - fattur K_d

5.2.4.2.1. Magni tad-diżil *four-stroke* aspirati b'mod naturali, u magni tad-diżil *two-stroke*

Il-fattur ta' korrezzjoni huwa kkalkolat permezz tal-formula li ġejja:

$$K_d = \left(\frac{990}{ps}\right) \cdot \left(\frac{T}{298}\right)^{0.7},$$

fejn

T = it-temperatura assoluta f'K fid-dħul ta' l-arja għall-magna:

ps = il-pressjoni atmosferika niexfa f'mbar.

5.2.4.2.2. Magni tad-dizil *four-stroke* kkargati bil-pressa

5.2.4.2.2.1. Magni turbo-kkargati operati bl-*exhaust*

L-ebda korrezzjoni ma hija magħmula lill-qawwa. Iżda, meta d-densità ta' l-arja ambjentali tvarja b'iktar minn 5 % mid-densità ta' l-arja fil-kondizzjonijiet ta' referenza (25 °C u 1 000 mbar), il-kondizzjonijiet tat-test għandhom jitniżżlu fir-rapport tat-test.

5.2.4.2.2.2. Magni sovvrakkargati mekkanikament

5.2.4.2.2.2.1. Il-proporzjon r huwa mfisser permezz tal-formula li ġejja:

$$r = \frac{D}{V\left(\frac{P_2}{P_1}\right) \cdot \left(\frac{T_1}{T_2}\right)},$$

fejn

D = l-ammont tal-karburant imqassam f'mm³ għal kull ċiklu tal-magna,

V = il-kapaċità taċ-ċilindru tal-magna f'litri,

P_1 = il-pressjoni ta' l-ambjent,

P_2 = il-pressjoni tal-*manifold* tad-daħla tal-magna,

T_1 = it-temperatura ta' l-ambjent f'K (kif imfisser f'5.1.3.3),

T_2 = it-temperatura tal-*manifold* tad-daħla tal-magna f'K.

5.2.4.2.2.2.2. Il-fattur ta' korrezzjoni għall-magni sovvrakkargati mekkanikament huwa l-istess bħal dak ta' magni aspirati b'mod naturali jekk r huwa ugwali għal jew ikbar minn 50 mm³/litru, u huwa ugwali għal 1 jekk r huwa inqas minn 50 mm³/litru.

5.3. **Rapport tat-test**

Ir-rapport tat-test għandu jkollu fih ir-riżultati u l-kalkoli kollha meħtieġa sabiex tiġI ottenuta l-qawwa netta, kif elenkata fl-Anness II, flimkien mal-karatteristiċi tal-magna elenkati fl-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 2 għal dan l-Anness.

5.4. **Modifika tat-tip ta' magna**

Kwalunkwe modifika għall-magna għal dak li jirrigwarda l-karatteristiċi elenkati fl-Appendiċi 1 jew fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness għandha tiġi rrapportata lill-awtorità kompetenti. Dik l-awtorità tista' mbagħad jew:

5.4.1. tikkunsidra li l-modifiki magħmula mhuwiex probabbli li jkollhom xi effett sostanzjali fuq il-qawwa tal-magna, jew

5.4.2. titlob li dik il-qawwa tal-magna tiġi determinata billi jkunu esegwieti dawk it-testijiet li tqis li huma neċessarji.

6. TOLLERANZI TAL-KEJL TAL-QAWWA NETTA

6.1. Il-qawwa netta tal-magna kif determinata mis-servizz tekniku tista' tvarja b'± 2 % mill-qawwa netta speċifikata mill-manifattur, b'tolleranza ta' 1.5 % għall-veloċità ta' l-magna.

6.2. Il-qawwa netta ta' magna matul it-test ta' konformità ta' produzzjoni tista' tvarja b'± 5 % mill-qawwa netta determinata f'test ta' l-approvazzjoni tat-tip.

Appendiċi 1

KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA [1]
(Magni tad-diżil)

1. **Deskrizzjoni tal-magna**

1.1. Għamla: .....

1.2. Tip: .....

1.3. Ċiklu: *four-stroke/two-stroke* [2]

1.4. *Bore*: ..... mm

1.5. *Stroke*: ..... mm

1.6. Numru u ftqassim ta' ċilindri u ordni ta' sparar: .....

1.7. Kapaċità taċ-ċilindru: ..... ċm^3

1.8. Proporzjon tal-kompressjoni [3]: .....

1.9. Tpinġijiet tal-kamra tal-kombustjoni u tal-kuruna tal-pistun: .....

1.10. L-arja minima tal-*cross section* tal-bokki ta' dħul u ħruġ: .....

1.11. Sistema ta' tkessieħ

1.11.1. Likwidu

Natura tal-likwidu .....

Pompi ta' ċirkolazzjoni: iva/le [2]

Karaterristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

Proporzjoni tad-*drive*: .....

Termostat: issettjar: .....

Radjatur: tpinġija(iet) jew għamla(iet) u tip(i): .....

Issettjar tal-pressjoni tal-valvola tar-rilaxx: .....

Fann: karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

.....

Sistema ta' operazzjoni tal-fann: .....

Proporzjoni tad-*drive*: .....

Cowl tal-fann:.....

(1) Fil-każ ta' magni u sistemi mhux konvenzjonali, dettalji ekwivalenti għal dawk imsemmija hawnhekk għandhom ikunu provduti mill-manifattur.
(2) Ħassar meta mhux applikabbli.
(3) Speċifika t-tolleranza.

1.11.2. Arja

Blower: karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

.....

Proporzjon ta-d-*drive*.....

Pajp ta' l-arja (produzzjoni *standard*): .....

Sistema tar-regolament tat-temperatura: iva/le [1]. Deskrizzjoni qasira: .....

.....

1.11.3. Temperaturi permessi mill-manifattur

1.11.3.1. Tkessieħ tal-likwidu: Temperatura massima fil-ħruġ tal-magna: .....

1.11.3.2. Tkessieħ ta' l-arja: Punt ta' referenza .....

Temperatura massima fil-punt ta' referenza: .....

1.11.3.3. Temperatura massima tal-ħruġ fil-bokka ta' l-iskambjatur tas-sħana [2]: .....

.....

1.11.3.4. Temperatura massima ta' l-*exhaust* fil-punt indikat f'5.1.3.12 hawn fuq:

.....

1.11.3.5. Temperatura tal-karburant: min .....

mass .....

1.11.3.6. Temperatura tal-lubrifikant: min .....

mass .....

1.12. Sovvrakarikatur: iva/le [1]. Deskrizzjoni tas-sistema: .....

.....

1.13 Sistema tad-dħul

manifold tad-dħul: ..... Deskrizzjoni: .....

.....

Filtru ta' l-arja: ..... Għamla: .....

Tip: .....

silencer tad-dħul: ..... Għamla: .....

Tip: .....

2. **Mezzi addizzjonali kontra d-duħħan** (jekk hemm, u jekk mhux kopert b'intestaturi oħra)

Deskrizzjoni u disinni: .....

3. **Dħul ta' l-arja u forniment tal-karburant**

3.1. Deskrizzjoni u disinni tad-daħliet ta' l-arja u l-aċċessorji tagħhom (mezz tat-tishin, *silencer* tad-dħul, eċċ):

.....

[1] Ħassar meta mhux applikabbli.

3.2. Forniment tal-karburant

3.2.1. Pompa tal-forniment

Pressjoni [1]: ..... jew disinn karatteristiku [1]: .....

.....

3.2.2. Sistema ta' injezzjoni: .....

3.2.2.1. Pompa

3.2.2.1.1. Ghamla(iet): .....

3.2.2.1.2. Tip(i): .....

3.2.2.1.3. Rata tal-passaġġ: ... mm³ għal kull *stroke* fi ... r/min tal-pompa [1] f'rata ta' injezzjoni sħiħa jew disinn karatteristiku [1] [2]: .....

Indika l-metodu użat: fuq il-magna/fuq pompa tal-bank [2]

3.2.2.1.4. Avvanz ta' l-injezzjoni [1]: .....

3.2.2.1.4.1. Kurva ta' l-avvanz ta' l-injezzjoni: .....

3.2.2.1.4.2. *Timing*: .....

3.2.2.2. Pajpijiet ta' injezzjoni: .....

3.2.2.2.1. Tul: .....

3.2.2.2.2. Dijametru intern: .....

3.2.2.3. Injettur(i)

3.2.2.3.1. Ghamla (iet): .....

3.2.2.3.2. Tip(i): .....

3.2.2.3.3. Pressjoni tal-ftuħ: ..... bar [1]

jew dinsinn karatteristiku [1] [2]

3.2.2.4. Regolatur

3.2.2.4.1. Ghamla(iet): .....

3.2.2.4.2. Tip(i): .....

3.2.2.4.3. Veloċità fil-bidu tax-*shut-off* fuq tagħbija sħiħa: ..... r/min

3.2.2.4.4. Veloċità massima meta vojt: ..... r/min

3.2.2.4.5. Veloċità ta' stennija: ..... r/min

3.3 Mezz ta' l-istartjar mill-kiesaħ

3.3.1. Ghamla(iet): .....

3.3.2. Tip(i): .....

3.3.3. Deskrizzjoni .....

4. **Issettjar tad-distributur jew data ekwivalenti**

4.1. Irfigħ massimu tal-valvola, angoli ta' ftuħ u għeluq jew dettalji ta' sistemi alternattivi ta' distributur f'relazzjoni maċ-ċentru tal-punt mejjet: .....

[1] Speċifika t-tolleranza.
[2] Ħassar meta mhux applikabbli.

4.2. Referenza u/jew firxiet ta' ssettjar (1)

5. **Sistema ta'** *exhaust*

5.1. Deskrizzjoni tal-*manifold* ta' l-*exhaust*: .....

5.2. Deskrizzjoni tal-partijiet l-oħra tas-sistema ta' *exhaust* meta t-test jitwettaq bis-sistema kompleta ta' l-*exhaust* speċifikata mill-manifattur, jew indikazzjoni tar-retro-pressjoni massima speċifikat mill-manifattur għall-kondizzjonijiet ta' qawwa massima (1): .....

6. **Sistema ta' lubrikazzjoni**

6.1. Deskrizzjoni tas-sistema

6.1.1 Pożizzjoni tar-*reservoir* tal-lubrikant: .....

6.1.2 Sistema ta' forniment (permezz ta' pompa, injezzjoni fil-bokka, taħlit bil-karburant, eċċ): .....

6.2. Pompa ta' lubrikazzjoni (1)

6.2.1. Għamla: .....

6.2.2. Tip: .....

6.3. Taħlita bil-karburant (1)

6.3.1 Perċentwali: .....

6.4. Mezz għat-tkessiħ taż-żejt: iva/le (1)

6.4.1. Disinn(i) jew għamla (iet) u tip(i): .....

7. **Tagħmir elettriku**

Ġeneratur/alternatur (1); karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

8. **Tagħmir ieħor awżiljari operat mill-magna** (Elenka u aghti deskrizzjoni qasira jekk neċessarju): .....

.....

(1) Ħassar meta mhux applikabbli.

Appendiċi 2

KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA [1]
(Magni b'positive ignition)

1. **Deskrizzjoni tal-magna**

1.1. Għamla: .....

1.2. Tip: .....

1.3. Ċiklu: *four-stroke/two-stroke* [2]

1.4. *Bore*: ..... mm

1.5. *Stroke*: ..... mm

1.6. Numru u tqassim taċ-ċilindri u ordni ta' sparar: .....

1.7. Kapaċità taċ-ċilindru: ..... ċm^3

1.8. Proporzjoni tal-kumpressjoni [3]: .....

1.9. Disinni tal-kamra ta' kombustjoni u l-kuruna tal-piston: .....

1.10. Area minima *cross sectional* tal-punti ta' dħul u ħruġ: .....

1.11. Sistema ta' tkessieħ

1.11.1. Likwidu

Natura tal-likwidu: .....

Pompa ta' ċirkolazzjoni: iva/le [2]

Karatteristiċi jew għamla (iet) u tip(i): .....

Proporzjon tad-*drive*.....

Termostat: issettjar: .....

Radjatur: disinn(i) jew għamla(iet) u tip(i): .....

Valvola ta' rilaxx: ssettjar ta' pressjoni: .....

Fann: karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

.....

Sistema ta' operazzjoni tal-fann: .....

Proporzjon tad-*drive*: .....

Cowl tal-fann: .....

1.11.2. Arja

Blower: karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

.....

(1) Fil-każ ta' magni u sistemi mhux konvenzjonali, dettalji ekwivalenti għal dawk imsemmija hawnhekk għandhom jiġu forniti mill-manifattur.
(2) Ħassar meta mhux applikabbli.
(3) Speċifika t-tolleranza.

Proporzjon tad-*drive*: .....

Pajp ta' l-arja (produzzjoni *standard*): .....

Sistema li tirregola t-temperatura: iva/le (1). Deskrizzjoni qasira: .....

1.11.3. Temperaturi permessi mill-manifattur

1.11.3.1. Tkessieh tal-likwidu: temperatura massima fil-bokka tal-magna: .....

1.11.3.2. Tkessieh ta' l-arja: punt ta' referenza: .....

temperatura massima fil-punt ta' referenza: .....

1.11.3.3. Temperatura massima fil-bokka ta' l-iskambjatur tas-shana: .....

1.11.3.4. Temperatura massima ta' l-*exhaust* fil-punt indikat fi 5.1.3.12 hawn fuq: .....

.....

1.11.3.5. Temperatura ta' karburant: min: .....

mass: .....

1.11.3.6. Temperatura tal-lubrikant: min: .....

mass: .....

1.12. Sovvrakarikatur: iva/le (1). Deskrizzjoni tas-sistema: .....

.....

1.13. Sistema tad-dħul

manifold tad-dħul: ..... Deskrizzjoni: .....

.....

Filtru ta' l-arja ..... Għamla: ..... Tip: .....

silencer tad-dħul: ..... Għamla: ..... Tip: .....

2. **Mezzi addizzjonali kontra t-tniġġis** (jekk hemm, u jekk mhux koperti b'iontestatura oħra)

Deskrizzjoni u disinni: .....

3. **Dħul ta' l-arja u forniment ta' karburant**

3.1. Deskrizzjoni u disinni ta' pajpijiet tad-dħul u l-aċċessorji tagħhom (*dash-pot*, mezz tat-tishin, bokki addizzjonali ta' l-arja, eċċ):

.....

3.2. Forniment tal-karburant

3.2.1 permezz ta' karburatur(i) (1): ..... Numru: .....

3.2.1.1 Għamla: .....

3.2.1.2 Tip: .....

3.2.1.3 Aġġustamenti

(1) Fil-każ ta' magni u sistemi mhux konvenzjonali, dettalji ekwivalenti għal dawk imsemmija hawnhekk għandhom jiġu forniti mill-manifattur.

3.2.1.3.1.	*Jets*:	jew	Kurva tad-distribuzzjoni tal-karbruant iddizinjata kontra l-passa[[ta' l-arja, u l-posizzjonijiet me]tie[a g]a\-\amma tal-kurva(1)
3.2.1.3.2.	Venturis:		
3.2.1.3.3.	Livell ta' *float-chamber*:		
3.2.1.3.4.	Piż taż-żubrun:		
3.2.1.3.5.	Labra taż-żubrun:		

3.2.1.4 *Choke* manwali/awtomatiku (1), ... Issettjar ta' l-għeluq (2) .....

.....

3.2.1.5 Pompa tal-forniment

Pressjoni (2): ..... jew disinn karatteristiku (2): .....

3.2.2. Sistema ta' injezzjoni

3.2.2.1. Għamla(iet): .....

3.2.2.2. Tip(i): .....

3.2.2.3. Deskrizzjoni (ġenerali): .....

3.2.2.4. Kalibrazzjoni: ..... bar (1) (2)

jew disinn karatteristiku (1) (2): .....

4. *Timing* tal-valvola jew *data* ekwivalenti

4.1. L-irfigħ massimu tal-valvola, angoli ta' ftuħ u għeluq, jew dettalji ta' sistemi alternattivi ta' distribuzzjoni, f'relazzjoni maċ-ċentru tal-punt mejjet ta' fuq: .....

.....

4.2. Referenza u/jew firxiet ta' ssettjar (1)

5. **Ignition**

5.1. Tip ta' sistema ta' l-*ignition*

5.1.1 Għamla: .....

5.1.2 Tip: .....

5.1.3 Kurva ta' l-avvanz ta' l-*ignition* (2): .....

5.1.4 *Timing* ta' l-*ignition* (2): .....

5.1.5 Fetħa tal-punt ta' kuntatt (1) (2) u *dwell-angle* (1): .....

6. **Sistema ta'** *exhaust*

Deskrizzjoni u disinni: .....

7. **Sistema ta' lubrikazzjoni**

7.1. Deskrizzjoni tas-sistema

7.1.1 Pożizzjoni tar-*reservoir* tal-lubrikant: .....

(1) Fil-każ ta' magni u sistemi mhux konvenzjonali, dettalji ekwivalenti għal dawk imsemmija hawnhekk għandhom jiġu forniti mill-manifattur.
(2) Ħassar meta mhux applikabbli.

7.1.2. Sistema ta' forniment (permezz ta' pompa, injezzjoni għall-bokka, taħlit mal-karburant, eċċ.): .....

7.2. Pompa ta' lubrikant ([1])

7.2.1. Għamla: .....

7.2.2. Tip: .....

7.3. Taħlita mal-karbruant ([1])

7.3.1. Perċentwali: .....

7.4. Apparat għat-tkessieħ taż-żejt: iva/le ([1])

7.4.1. Disinn(i) jew għamla(iet) u tip(i): .....

8. **Tagħmir elettriku**

Ġeneratur/alternatur ([1]):

karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i): .....

.....

9. **Tagħmir ieħor awżiljari operat mill-magna**

(Elenka u agħti deskrizzjoni qasira jekk neċessarju): .....

.....

10. **Informazzjoni addizzjonali dwar il-kondizzjonijiet tat-test**

10.1 Spark plugs

10.1.1. Għamla: .....

10.1.2. Tip: .....

10.1.3. Issettjar ta' l-*ispark-gap*: .....

10.2. Coil ta' l-ignition

10.2.1. Għamla: .....

10.2.2 Tip: .....

10.3. Kondensatur ta' l-*ignition*

10.3.1. Għamla: .....

10.3.2. Tip: .....

10.4. Tagħmir tas-soppressjoni ta' l-interferenza tar-radju

10.4.1. Għamla: .....

10.4.2. Tip: .....

([1]) Fil-każ ta' magni u sistemi mhux konvenzjonali, dettalji ekwivalenti għal dawk imsemmija hawnhekk għandhom jiġu forniti mill-manifattur.

ANNEX II

Isem l-amministrazzjoni

1. MUDELL

L-ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE GĦAL TIP TA' VETTURA F'DAK LI JIRRIGWARDA L-QAWWA TAL-MAGNA

(L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar ta' l-1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom)

DIKJARAZZJONI TAR-RIŻULTATI TAT-TESTIJIET GĦALL-KEJL TAL-QAWWA NETTA TAL-MAGNA

1. Isem kummerċjali jew *trade mark* tal-magna: .....

2. Tip u numru ta' identifikazzjoni tal-magna: .....

3. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

4. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur, jekk applikabbli:

.....

5. **Kondizzjonijiet tat-test**

5.1. Pressjonijiet imkejla f'qawwa massima

5.1.1. barometrika: ..... mbar

5.1.2. *exhaust*: ..... mbar

5.1.3. Depressjoni fil-bokka: mbar fis-sistema ta' dħul għall-magna

5.2. Temperaturi mkejjla bil-qawwa massima tal-magna:

5.2.1. tad-dħla ta' l-arja: ..... °C

5.2.2. fil-bokka ta' l-iskambjatur tas-sħana: ..... °C [1]

5.2.3. tal-likwidu ta' tkessiħ

5.2.3.1. fil-bokka tal-likwidu ta' tkessiħ tal-magna: ..... °C [1]

5.2.3.2. fil-punt ta' referenza fil-każ ta' tkessiħ ta' l-arja: ..... °C [1]

5.2.4. taż-żejt: °C (indika il-punt ta' kejl)

5.2.5. tal-karburant

5.2.5.1. fil-karburatur/dħul tal-pompa ta' l-injezzjoni [1]: .... °C

5.2.5.2. fil-mezz ta' kejl tal-konsum tal-karburant: ..... °C

5.2.6. ta' l-*exhaust* imkejjel fil-punt ħdejn il-flanġa(i) ta' barra tal-*manifold*(s) ta' l-*exhaust*:

..... °C

5.3. Veloċità tal-magna meta *idling*: ..... r/min

5.4. Karatteristiċi tad-dinamometru

[1] Ħassar meta mhux applikabbli.

5.4.1. Ghamla: .....

5.4.2. Tip: .....

5.5. Karatteristiċi ta' l-opaċimetru

5.5.1. Ghamla: .....

5.5.2. Tip: .....

5.6. Karburant

5.6.1. Ghal magni b'*positive ignition* li joperaw b'karburant likwidu:

5.6.1.1. Ghamla: .....

5.6.1.2. Speċifikazzjoni: .....

5.6.1.3. Addittiv kontra t-taħbit (ċomb, eċċ)

5.6.1.3.1. Tip: .....

5.6.1.3.2. Kontenut mg/litru: .....

5.6.1.4. Numru ta' l-ottan

5.6.1.4.1. *RON* Nru: .....

5.6.1.4.2. *MON* Nru: .....

5.6.1.5. Densità relattiva: ..... fi 15°C ..... fi 4°C .....

5.6.1.6. Valur kalorifiku: ..... kJ/kg

5.6.2. Ghall-magni b'*positive ignition* li joperaw b'karburant gassuż

5.6.2.1. Ghamla: .....

5.6.2.2. Speċifikazzjoni: .....

5.6.2.3. Pressjoni ta' l-ħżin: .....

5.6.2.4. Pressjoni ta' utilitizzazzjoni: .....

5.6.3. Ghall-magni bid-diżil li joperaw b'karburanti gassużi

5.6.3.1. Sistema ta' forniment: gass: .....

5.6.3.2. Speċifkazzjoni ta' gass użat: .....

5.6.3.3. Proorzjon ta' żejt tal-karburant/gass: .....

5.6.4. Ghall-magni bid-diżil li joperaw bil-karburant likwidu

5.6.4.1. Ghamla: .....

5.6.4.2. Speċifikazzjoni ta' karburant użat: .....

5.6.4.3. Numru taċ-ċetan: .....

5.6.4.4. Densità relattiva: ..... fi 15°C ..... fi 4°C .....

5.7. Lubrikant

5.7.1. Ghamla: .....

5.7.2. Speċifikazzjoni: .....

5.7.3. Viskożità SAE: .....

6. **Riżultati dettaljati tal-kejl**

6.1. Prestazzjoni tal-magna

Veloċità tal-magna (r/min)						
Riżultati tat-test tal-magna	Konsum speċifiku tal-karburant g/kWh kJ/kWh [1]					
	Torque Nm					
	Qawwa kW					
Fattur ta' korrezzjoni						
Il-Qawwa tal-brejk korreġuta kW						
Konsum tal-karburant korreġut [2]						
Torque korreġut Nm						
Qawwa li għandha tiżdied għal tagħmir awżiljari mwaħħal ma' magna f'eċċess tat-Tabella 1 (ara Appendiċi 1, sezzjoni 8, u Appendiċi 2, sezzjoni 9). Qawwa li għandha titnaqqas meta l-fann mhuwiex imwaħħal (ara Tabella 1, nota 5)	Nru 1					
	Nru 2					
	Nru 3					
Qawwa netta kW						
Torque nett Nm						

[1] Ħassar meta mhux applikabbli.
[2] Applikabbli għall-magni bid-diżil biss.

6.2. Indiċi tad-duħħan ta' l-*exhaust* (għandu jimtela għall-magni bid-diżil biss):

Veloċità tal-magna (r/min)	Fluss nominali G (litri/sekonda)	Valuri ta' limitu ta' assorbiment (m^{-1})	Valuri ta' assorbiment imkejla (m^{-1})
1	2	3	4 .....
5	6	.....	.....
.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....

6.3. Qawwa massima netta: ..... kW fi ..... r/min [1]

6.4. *Torque* massimu nett: ..... kW fi ..... r/min [2]

[1] Il-Qawwa massima netta, it-torque massimu nett u l-veloċitajiet korrispondenti ta' l-magna huma determinati, meta applikabbli, bit-tanġent orizzontali għall-kurva tal-qawwa netta/torque bħala funzjoni tal-veloċità ta' l-inġenju.

7. Data meta l-magna ġiet sottomessa għat-test: .....

8. Servizz tekniku li jwettaq it-testijiet: .....

9. Data tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz: .....

10. Numru ta' rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz: .....

11. Post: .....

12. Data: .....

13. Firma: .....

14. Id-dokumenti li ġejjin huma annessi ma' din id-dikjarazzjoni:

Kopja waħda ta' l-Appendiċi 1/2 [1] mimlija kif meħtieġ, bid-disinni u d-dokumenti meħtieġa taħt l-intestaturi differenti.

[1] Ħassar meta mhux applikabbli.